MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 432/2014

**Elmo Insurance Limited (C3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Lawrence Darmanin u l-istess Lawrence Darmanin (ID Numru 112781M)**

**vs**

**Kunsill Lokali Haz-Zabbar**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li dan l-AVVIZ jirriferi ghal incident stradali li, fil-31 ta' Mejju 2013 gara go Triq is-Santwarju, Zabbar u li fih kienet involuta l-vettura parkjata nru LMG 237 tal-Attur Lawrence Darmanin meta ntlaqtet "barrier" minn vettura nru JAZ 062 misjuqa minn terzi u spiccat fil-vettura parkjata. Din sofriet danni li ammontaw ghal disa' mija, hamsa u erbghin Ewro hamsa u disghin centezmi (€945.95c) li €820.95c minnhom ghamlet tajjeb ghalihom is-Socjeta' Attrici Assikuratrici u l-bqija, €125 sofrihom l-Attur *de proprio*. Intqal li l-"barrier" ma kienetx imdawwla u ghal dan in-nuqqas kien responsabbli l-Kunsill Lokali ta' Haz-Zabbar, Konvenut li gie mitlub li jkun ikkundannat ihallas dawn l-ammonti

B'RISPOSTA ntqal hekk:-

1. Nuqqas ta' gurisdizzjoni tat-Tribunal ghax il-kaz kellu jitressaq ghal Arbitragg mandatarju skon art 15, Raba Skeda, Kap 387.
2. L-incident sehh minhabba htija tat-terzi persuna msemmija fit-Talba – is-sewwieq tal-vettura Fiat Punto JAZ 062 (Jessica Mifsud).

**Ra** li moghti zmien biex jara ssirx xi talba mill-Kunsill ghal sejha fil-kawza (seduta 04.12.2014) iz-zmien skada u fl-udjenza tas-16/1/15 it-TRIBUNAL iddekreta li z-zmien kien maghluq.

Dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari ntqal (udjenza tal-24/2/2015) li din ghandha tigi deciza fis-sentenza finali.

II PROVI

1. Hawn qed jingiebu siltiet biss mill-provi li izda jitqiesu flimkien ma dak kollu mressaq quddiem it-TRIBUNAL inkluzi dokumenti u li jinsab fil-process.

2. **PS 912 Ramon Godano**, li nvestiga l-kaz, esibixxa r-rapport Dok RG u qal li hu nizzel li qalulu dawk involuti. Fuq il-post id-driver tal-Punto qallu li kien laqat "barrier" u din laqtet vettura ohra. Kienet "barrier" tal-Kunsill ghax kienet "hafifa". Ma jiftakarx dettalji. Biex investigaw gabu d-dawl huma stess ghax ma kienx hemm fil-post. Kien hemm attivita' tal-Kunsill u t-triq kienet maghluqa. Ma kienx hemm permessi tal-Pulizija.

3. **Duncan Busuttil**, Segretarju Esekutiv tal-Kunsill qal li fil-jum imsemmi kien hemm attivita' fi Triq is-Santwarju u t-triq kienet maghluqa. Hawn esibixxa bhala Dok DB estratt mill-Gazzetta tal-Gvern (*fol* 55) li turi gheluq tat-triq mill-Gimgha 31/5 mit-8:00pm sal-5am tal-Hadd 2/6/13. Jinghad li ma jsirx parkegg, apparti li t-triq tkun maghluqa ghat-traffiku. Sar anke hlas ta' *extra duty* lill-Pulizija (Dok DB1). In kontro-ezami qal li ma jafx kemm "barriers" intuzaw u kienx hemm dawl fuqhom. Ma jafx il-Pulizija dahlux fit-tqeghid tal-"barriers".

4. **Lawrence Darmanin**, residenti fl-inhawi tal-incident qal li meta pparkja fejn suppost ma kien hemm xejn x'izommu. Dan kien wara nofs-in-nhar. Xi d-9:30pm gew habbtulu l-bieb u qalulu bl-incident. Sab li l-"barrier" li kienet laqtet il-Peugeot 107 tieghu kienet tqeghdet fuq il-bankina. Meta kien jistenna l-warden ra vettura tolqot barriera ohra fit-triq. Hu ta aktar dettalji (ara *fol* 25A u B).

5. **Jessica Mifsud** qalet li xi l-10.30pm kienet issuq il-Fiat go Triq is-Santwarju minn naha ta' fejn hemm il-monument ta' Agatha Barbara fid-direzzjoni tal-Knisja u sabet "barrier" bla sinjali u dwal ta' xejn u laqtitha u din marret fuq il-Peugeot u kkagunatilha hsara (ara xhieda dettaljata *a fol* 25D).

6. **Ryan Briffa** kien passiggier fuq quddiem tal-Fiat u kkonferma dak li qalet Jessica Mifsud. Waqt li kienu fuq il-post ghadda l-ex Kummissarju tal-Pulizija PP Zammit u dahal go "barrier ohra".

7. **Charles Cauchi** tal-Elmo Insurance kkonferma s-"survey report" u d-dokumenti esibiti (*fol* 41 u 44 – 49)

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Hawn ghandna kas ta' ncident stradali, kaz ta' vettura, il-Fiat Punto li kienet tinsaq minn Jessica Mifsud li laqtet "barrier" (li nghad li kienet bla sinjal u bla dawl) li kienet fi Triq is-Santwarju liema "barrier" (u rrizulta ohrajn ukoll) kienu hemm biex jaghlqu Triq is-Santwarju minhabba xi attivita'. Fir-rigward is-Seg. Esek tal-Kunsill Lokali, Zabbar, esibixxa kopja tal-Gazzetta tal-Gvern fejn il-Kunsill gharraf bl-gheluq tat-triq ghal perijodu li jinkludi dak il-hin tal-incident. Hemm ukoll projbizzjoni ta' parkegg. Meta l-Punto laqtet il-"barrier" din spiccat fuq il-Peugeot tal-Attur li kienet pparkjata. Iz-zewg vetturi sfaw danneggjati.

2. In vista tal-ewwel eccezzjoni tal-Kunsill Konvenut, l-ewwel ma jrid jigi mistharreg hu jekk dan kienx incident stradali li kellu jispicca quddiem it-Tribunal tal-Arbitragg kif statutorjament stabbilit jew kienx incident jew kaz **xort'ohra** li kellu jitressaq quddiem il-Qrati ordinarji.

3. Il-Peugeot, li sid taghha hu l-attur li qed jagixxi flimkien mal-assikuraturi tieghu l-Elmo Insurance Ltd kienet parkjata. Din ma gietx danneggjata minn "barrier" li, nghidu ahna taret fuqha bir-rih waqt xi maltempata. Anqas giet danneggjata ghax waqghet xi hgiega minn gallarija jew xi opramorta. Il-hsara rrizultat ghax il-Fiat li kienet ghaddejja **tinsaq** fit-triq dahlet go "barrier". Hawn trid tigi ndagata l-imgieba tas-sewwieqa Jessica Mifsud *qua* sewwieqa. Irid jigi nvestigat il-"manner of driving" taghha.

4. Fil-fehma tat-TRIBUNAL dan kien kaz car ta' ncident tat-traffiku li ma kellux jingieb quddiemu. Din hi haga ta' ordni pubbliku li anqas il-kontenuti ma jistghu imorru kontriha bi qbil u wkoll hu dmir it-TRIBUNAL li jqajjimha *marte proprio*.

IV DECIZJONI

Wara li qies kollox u wara li ta' mportanza xierqa lis-sottomissjoni ta' kull parti fil-kawza **jiddeciedi** billi (1) **jilqa** l-eccezzjoni preliminari dwar nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dana t-TRIBUNAL u (2) **jghaddi** biex **jichad** it-Talba Attrici u (3) **jillibera** lill-Kunsill Lokali Konvenut u (4) fic-cirkostanzi **jordna** u **jiddeciedi** li dwar spejjes tal-kawza dawn jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Ghal kull bon fini dan kollu qed jigi deciz bla pregudizzju ghal kull dritt talvolta spettanti lill-Atturi f'din il-kawza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------